

(3) Wendel Investissement għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha.

mogħtija lil Olympiaki Aeroporia Ypiresies AE [C 11/2004 (ex NN 4/2003) — Olympiaki Aeroporia — Ristrutturazzjoni u privatizzazzjoni], huwa annulat.

(<sup>1</sup>) ĠU C 45, 19.02.2005.

### **Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Settembru 2010 — Il-Greċja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża magħquda T-415/05, T-416/05 u T-423/05) (<sup>1</sup>)

(“Għajjnuna mill-Istat — Settur tal-ajru — Għajjnuna marbuta mar-Ristrutturazzjoni u mal-privatizzazzjoni tal-kumpannija tal-ajru nazzjonali Ellenika — Deċiżjoni li tiddik-jara l-ghajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordna l-irkupru tagħha — Kontinwità ekonomika bejn żewġ kumpan-niji — Identifikazzjoni tal-benefiċjarju effettiv ta' għajjnuna għall-finijiet tal-irkupru tagħha — Kriterju tal-operatur privat — Kompatibbiltà tal-ghajjnuna mas-suq komuni — Obbligu ta' motivazzjoni”)

(2010/C 301/31)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

### **Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: A. Samoni-Rantou u P. Mylonopoulos, aġenti) (Kawża T-415/05); Olympiakes Aerogrammes AE (Kallithéa, il-Greċja) (rappreżentant: V. Christianos, avukat) (Kawża T-416/05); u Olympiaki Aeroporia Ypiresies AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: P. Anestis, S. Mavroghenis, avukati, S. Jordan, T. Soames, solicitors, u D. Geradin, avukat) (Kawża T-423/05)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou u T. Scharf, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Aeroporia Aigaiou Aeroporiki AE (Ateni) (rappreżentanti: N. Keramidas u, fil-Kawża T-416/05, anki N. Korogiannakis, I. Dryllerakis u E. Dryllerakis, avukati) (Kawża T-416/05 u T-423/05)

### **Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 2706 finali, tal-14 ta' Settembru 2005, dwar l-ghajjnuna mill-Istat mogħtija lil Olympiaki Aeroporia Ypiresies AE [C 11/2004 (ex NN 4/2003) — Olympiaki Aeroporia — Ristrutturazzjoni u privatizzazzjoni].

### **Dispożittiv**

(1) L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 2706 finali, tal-14 ta' Settembru 2005, dwar l-ghajjnuna mill-Istat

(2) L-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni C(2005) 2706 finali huwa parżjalment annulat sa fejn jikkonċerna l-ammont li jikkorrispondi għall-valur tal-assi immaterjali kollha reġistrati fil-bilanċ ta' transformazzjoni ta' Olympiaki Aeroporia Ypiresies bħala avvjament, għall-valur tal-ajruplani ttraferi lil Olympiakes Aerogrammes AE kif ukoll għad-dħul mistenni mill-bejgħ ta' żewġ ajruplani li għadhom irregjistrati fil-bilanċ ta' Olympiaki Aeroporia Ypiresies.

(3) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni C(2005) 2706 finali huwa annullat sa fejn jikkonċerna l-miżuri inkwistjoni fl-Artikolu 1(1) u (2), sa fejn dawn id-dispożizzjoni jiet huma annullati.

(4) Il-kumplament tar-rikorsi huwa miċħud.

(5) Kull parti għandha tbat i-l-ispejjeż rispettivi tagħha, inklużi dawk marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

(<sup>1</sup>) ĠU C 22, 28.01.2006.

### **Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Settembru 2010 — Trioplast Wittenheim vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-26/06) (<sup>1</sup>)

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-boroż industrijali tal-plastik — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Tul tal-ksur — Multi — Gravità tal-ksur — Ćirkus-tanzi attenwanti — Kooperazzjoni waqt il-proċedura amministrattiva — Proporzjonalità”)

(2010/C 301/32)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Trioplast Wittenheim SA (Wittenheim, Franza) (rappreżentanti: T. Pettersson u O. Larsson, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment F. Castillo de la Torre, P. Hellström u V. Bottka, sussegwentement F. Castillo de la Torre, L. Parpala u V. Bottka, aġenti)

### **Suġġett**

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 finali, tat-30 ta' Novembru 2005, rigward proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F/38.354 — Boroż Industrijali) li tikkonċerha akkordju fis-suq tal-boroż industrijali tal-plastikk, kif ukoll, sussidjarjament, talba għat-tnejha tħalli imposta fuq ir-riktorrenti.